TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/37/16/S

Rose Micallef
Vs
Raymond Micallef ezercenti l-kummerc bhala Triple A

Illum 21 ta'Lulju,2016.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Rose Micallef ipprezentata fid-9 ta'Frar,2016 u r-risposta ta' Raymond Micallef ezercenti l-kummerc bhala Triple A ipprezentata fl-24 ta'Frar,2016;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni maghmula fis-seduta tat-12 ta'Mejju,2016;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda 'fridge' li wara gimgha bdiet ikollha tikek zghar ta' silg fuq dahar l-istess 'fridge' filwaqt li l-intimat ikkontenda li l-problema hi wahda ta' cirkolazzjoni ta' arja;

Illi jinghad mal-ewwel li Rose Micallef ma gabet ebda prova konkreta li l-'fridge' in kwistjoni hi difettuza;

Illi jidher bic-car li l-problema ta' silg fuq dahar il-'fridge' qed tigi kawzata b'nuqqas ta' cirkolazzjoni tal-arja minhabba li l-'fridge' tinsab go 'cupboard' tal-injam;

Illi fil-fatt fi kliem stess ir-rikorrenti, il-problema tigi accentwata fis-Sajf meta jinzel hafna ilma;

Illi jkun utli dak li ssugerixxa l-istess intimat sabiex tissolva l-problema;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' Rose Micallef filwaqt li Jilqa' l-eccezzjonijiet ta' Raymond Micallef ezercenti l-kummerc bhala Triple A, b'kull parti thallas l-ispejjez relattivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru